MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 2162/2000/1

**Dr. Ivan Gatt bhala mandatarju specjali ta' Air Action Group Ltd**

**vs**

**Wings Couriers Ltd**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur *nomine* fid-29 ta' Settembru, 2000, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tmien t'elef u hames mitt lira Sterlina (liri Sterlini 8500) jew ekwivalenti taghhom f'liri Maltin rapprezentanti *franchise fees* u *royalty fees* dovuti lis-socjeta' attrici;

Is-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, xorta wahda baqghet ma hallsitx l-ammont dovut;

Talbu lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tmien t'elef u hames mitt lira Sterlina (liri Sterlini 8500) jew ekwivalenti taghhom f'liri Maltin rapprezentanti *franchise fees* u *royalty fees* dovuti lis-socjeta' attrici;

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien t'elef u hames mitt lira Sterlina (liri Sterlini 8500) jew ekwivalenti taghhom f'liri Maltin.

Bl-interessi legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Gunju, 1999, kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat li s-socjeta' konvenuta ma resqitx nota tal-eccezzjonijiet fit-terminu impost bil-ligi;

Rat id-decisjoni ta' din il-Qorti tad-29 ta' Novembru, 2001, li *in forza* taghha ddikjarat li l-kumpanija mharrka wriet raguni tajba biex tressaq nota tal-eccezzjonijiet ghat-talba maghmulha kontriha mill-attur *nomine*, u ghal dan il-ghan, tat lill-istess kumpanija mharrka ghoxrin jum biex taghmel dan;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li *in forza* taghha eccepiet illi:

1. Ic-citazzjoni attrici hija nieqsa minn dettalji sostantivi *stante* li fic-citazzjoni s-socjeta' attrici naqset milli tindika l-perjodu li fih l-ammont indikat gie dovut, u naqset milli tindika l-kuntratt jew ftehim relattiv li fuqu qed tibbaza l-azzjoni taghha.

2. Dejjem bla pregjudizzju ghas-suesccepit l-azzjoni attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi l-kuntratt *a basi* ta' liema din l-azzjoni giet maghmula huwa xolt *ipso jure* skond l-Artikolu 117 tal-Kapitlu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Subordinatament u minghajr pregjudizzju ghas-suecepit, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut peress illi l-istess socjeta' attrici naqset milli tipprovdi s-servizzi skond kif miftiehem bejn il-partijiet, u ghalhekk ma huma dovuti l-ebda *franchise fees* jew *royalty fees* kif dedotti fic-citazzjoni attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentati tas-socjeta' konvenuta;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet f'din il-kawza u f'dik konnessa maghha b'citazzjoni numru 2200/00;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Is-socjeta' Air Action Group Limited kienet fl-1995/96 iddecidiet li tespandi l-*courier business* taghha billi tohloq *franchise agreements* ma' diversi kumpaniji imxerda ma' diversi pajjizi madwar id-dinja. Wara li ghamlet kampanja ta' promozzjoni qawwija, is-socjeta' konvenuta avvicinat is-socjeta' estera u wriet interess li tidhol fi ftehim ta' *franchise* ghas-suq lokali. Wara zmien ta' negozjati, intlahaq ftehim li gie iffirmat fit-12 ta' Marzu, 1996. B'rizultat ta' dan il-ftehim, id-ditta konvenuta bdiet tibghat Londra, l-ittri u l-pakketti li kellhom jitqassmu bil-*courier*, u minn hemm, id-ditta attrici, kienet tiddistribwixxi l-oggett mad-dinja kollha skond ix-xewqa tal-klient.

Il-ftehim kien li d-distribuzzjoni issir mill-Air Action *at cost*, fil-waqt li l-profitti tehodhom id-ditta lokali skond ir-rati li tiffissa hi. Is-socjeta' Air Action kellha taghmel il-profitti taghha bi hlas ta' *Annual Developer Royalty Fee* (li, f'dan il-kaz, kien ta' Lm1,000), u bil-hlas ta' *Royalty Fee* ta' 5% fix-xahar fuq is-*sales* li taghmel ir-rapprezentanta lokali. Il-kumpanija estera kienet tipprovdi wkoll sistema ta' IT, maghrufa bhala *Ipex system*, biex ir-rappresentanti taghha jkunu kollha ko-ordinati fuq sistema wahda, b'mod li tigi facilitata l-kommunikazzjoni bejn ir-rappresentanti mxerda mad-dinja kollha. Fl-uzu ta' din is-sistema, ufficcjali ta' kull socjeta' rappresentanta kienu jigu mistharga mill-ghalliema tas-socjeta' Air Action.

Fil-ftehim li sar mas-socjeta' konvenuta, din irnexxiela titlob u takkwista kundizzjonijiet aktar favorevoli milli kumpaniji ohra rnexxielhom jakkwistaw. Hekk, per ezempju, irnexxielha tottjena *initial fee* anqas minn kumpaniji ohra, prezzijiet iffissati ghal 10 snin flok 5, u *royalty fee* ta' 5% flok 7.5%.

Wara li beda jopera l-ftehim, is-socjeta' Air Action issuplixxiet lis-socjeta' attrici bis-sistema tal-IT u flok baghtet nies hawn Malta biex jghallmu lis-*staff* lokali, is-socjeta' konvenuta, ghax hekk riedet hi, baghtet tnejn min-nies minn taghha Londra biex jitghallmu hemm. Dan kollu sar a bazi tal-ftehim u minghajr hlasijiet ulterjuri. Is-socjeta' konvenuta kellha access ghan-*network* mondjali tad-ditta attrici, u l-prezzijiet mitluba ghall-konsenja kienu dejjem *at cost*.

*Da parti* tas-socjeta' konvenuta, kien hemm, skond is-socjeta' attrici, ksur mill-ewwel tad-diversi klawsoli tal-ftehim. Ir-rappresentant tas-socjeta' attrici isemmi *in partikolari* erba' ksur tal-kuntratt.

Fl-ewwel lok, skond klawsola 9.3 tal-ftehim, is-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li tipprovdi lis-socjeta' attrici b'garanzija bankarja biex taghmel tajjeb ghad-djun taghha versu s-socjeta' attrici. Din il-garanzija, fil-fatt, qatt ma nghatat, u skond ir-rappresentant tas-socjeta' konvenuta,

din ma nghatatx ghax ma intalbetx! Bhallikieku, tosserva l-Qorti, biex debitur iwettaq obbligazzjoni li jkun espressament accetta fuq ftehim, hemm bzonn li jigi mitlub jaghmel dan mill-kreditur! Huwa principju ta' dritt, li kull minn jassumi obbligazzjoni irid iwettaq dik l-obbligazzjoni kif miftiehem, u mhux joqghod jistenna lill-kreditur jigri warajh biex jibda' jahseb jesegwixxi l-istess obbligazzjoni.

Fit-tieni lok, is-socjeta' attrici tilmenta li l-*invoices* li kienet tibghat lis-socjeta' konvenuta rappresentanti l-ispejjes inkorsi minnha ghat-trasport tal-oggetti ma kienux jigu mhallsa fit-termini indikati fil-ftehim. Sa mil-ewwel xahar ta' operazzjoni, il-hlasijiet kienu ittardjaw u kienu jsiru biss wara diversi interpellazzjonijiet. Dwar dan is-socjeta' konvenuta tilmenta li l-kontijiet li kienu jintbaghtu ma kienux dejjem jirrispekkjaw l-*estimates* li kienet tindika s-socjeta' attrici. Is-socjeta' konvenuta kienet tressaq ilmenti fuq xi kontijiet, izda mhux dejjem, skond hi, kien ikun hemm twegiba sodisfacenti. Skond is-socjeta' konvenuta, l-estimi kienu *"worst scenario costs"*, fil-waqt li s-socjeta' attrici tghid li dawn kienu *"variable"*. Il-ftehim li gie iffirmat bejn il-partijiet ma jindikax in-natura ta' dawn l-estimi, izda s-socjeta' konvenuta tallega li l-ftehim kien li l-prezzijiet ma kellhom qatt jaccedu dawk il-figuri. Il-Qorti jidhrilha li s-socjeta' konvenuta ma irnexxielix tipprova din l-allegazzjoni. Il-persuna li mieghu suppost sar dan il-ftehim, certu Tim Black, ma giex prodott, u s-socjeta' konvenuta ma talbetx la li dan ix-xhud jinstemgha bir-rogatorji, u lanqas ma talbet lill-Qorti biex din, forsi, tordna lis-socjeta' attrici tressqu quddiemha biex jixhed. Fin-nuqqas tal-prova tal-ftehim, il-Qorti trid tezamina hi stess in-natura tal-figuri kwotati. Il-Qorti tapprezza li l-prezz tat-trasport ta' oggett ivarja mhux biss minn pajjiz ghal iehor, izda jiddependi wkoll mill-hin tal-vjagg, l-*airline* li tigi wzata, l-*airport* fejn ikun se jinzel l-ajruplan, u l-piz u l-kwantita' ta' *consignments*. Jekk is-socjeta' tal-*courier* se tibghat pakkett wiehed gewwa New York u f'hin meta l-ajruplan ikun qed jintuza b'*bulk* ta' merkanzija, il-prezz se jkun mod (probabbli, ghola), izda jekk jirnexxiela igemma diversi pakketti u, minghajr ma tittardja fit-tqassim, tibghathom flimkien, b'*low cost airline*, u f'hin ta' bil-lejl, il-

prezz ta' kull pakkett ikun mod iehor (probabbli, anqas). Il-prezz, allura, ivarja ghax jiddependi minn diversi fatturi li hafna minnhom is-socjeta' attrici ma jkollix kontrol fuqhom. Fil-fatt, xi kultant, il-prezz li effettivament kien jigi mitlub mis-socjeta' konvenuta, ikun orhos mill-figura kwotata, dan peress li dik il-konsenja partikolari insertat li setghet issir bi prezz orhos; dan, *pero'*, mhux dejjem kien ikun possibbli, *pero'*, is-socjeta' konvenuta dejjem kienet tigi kwotata bil-prezz imhallas, bla ebda zieda ghall-profitt, skond il-ftehim. Fuq kollox, id-differenzi 'l fuq, meta jkun hemm, dejjem kienu jkunu ta' xi ftit centezmi, forsi 50c, u s-socjeta' konvenuta, ghalkemm kienet tilmenta fuq din iz-zieda, ma kienetx thallas il-prezz tal-*quote*.

Fi kliem iehor, ghalkemm fuq xi kont, kien ikollha *query* ta' xi ammonti, ma kienetx thallas l-ammont skond il-figuri li skond hi kienu jirrappresentaw il-*"worst scenario costs"*, u kienet tispicca ma thallas xejn. Meta s-socjeta' konvenuta kienet tigi mitluba taghmel il-hlas, kienet regolarment igib xi skuza jew ohra (bhal, per ezempju, li kienet qed tistenna pagament mil-Libya) jew sahansitra tinjora l-interpellazzjonijiet ghal-hlas li kienu jsiru. Is-socjeta' kienet anke talbet *credit* fuq dawn il-hlasijiet u, ghalkemm, is-socjeta' attrici kienet isibha difficcli li taghmel dan (ghax dawn kienu spejjes li inkorriet hi minn butha) u ma kienx patwit fil-ftehim ta' *franchise*, accettat ukoll li taghti forma ta' *credit* lis-socjeta' konvenuta, izda din xorta baqghet lura fil-hlasijiet.

Il-Qorti tqies li l-figuri kwotati kienu, fil-fatt *"indicative rates"*, u dan is-socjeta' konvenuta kienet tafu jew missa kienet tafu. Hu veru li la darba r-rata kienet biss indikativa tal-prezz, is-socjeta' konvenuta ma tkunx taf ezatt kemm xi jigiha *delivery*, u allura tista' issibha difficcli biex tohrog prezz definitiv ghall-klient, *pero'*, dan hu parti mill-*business* li dahlet fih. Kien hemm riskju f'kull *delivery*, u s-socjeta' kellha taccetta t-tajjeb mal-hazin. Il-prezz ghall-klient kienet tiffissah hi, u kienet hi li tiddeciedi r-rata tal-profitt. Minhabba, n-natura tan-negozju, kellha taccetta li, skond ic-cirkustanzi, fuq *delivery* partikolari taghmel qliegh tajjeb, u fuq ohrajn qliegh baxx jew sahansitra telf. Kull negozjant jaf li hu kwazi impossibbli li taghmel qliegh fuq

kull transazzjoni li ssir; kull min jidhol *for a quick buck* generalment ifalli fin-negozju. Wiehed irid ikun kawt fin-negozju, jaccetta li se jkollu telf, basta li, *in ultima* analizi, dawn jigu assorbiti mill-qliegh li jsir. Dan zgur li s-socjeta' konvenuta kienet tafu, u *kwindi*, l-argument taghha li l-prezzijiet bil-fors riedithom bhala *"worst scenario"* ma jreggix.

Is-socjeta' konvenuta allegat ukoll li s-socjeta' attrici mhux dejjem fornita b'certifikat ta' *Proof of Delivery (POD)*. Irrizulta, *pero'*, li fil-maggoranza kbira tal-kazijiet, dan ic-certifikat kien jigi fornit, u trasmess lilha b'*e-mail* jew b'*fax*, *pero'*, l-hlasijiet relatati ma' dawn id-*deliveries* xorta wahda ma sarux. Meta l-konsenja kienet f'xi post imwarrab f'xi pajjiz tat-tielet dinja, certifikat tal-*POD* gieli ma kienx jinhareg, *pero'*, f'dawn il-kazijiet, is-socjeta' konvenuta qatt ma talbet din il-prova fuq xi kaz partikolari; qatt, fi kliem iehor, ma giet rinfaccjata minn klient li insista ghal tali prova. Kieku saret tali rikjesta, is-socjeta' attrici qalet li kienet tara x'taghmel biex, *a spejjez* taghha, takkwista dik il-prova. Tul l-epoka li s-socjeta' attrici ghamlet xoghol ghas-socjeta' konvenuta, qatt ma kien hemm kaz li ma nharigx certifikat ta' *POD* jew, fejn dan ma inharegx, is-socjeta' attrici giet mitluba specifikament tipprova l-konsenja ta' oggett partikolari.

It-tielet *breach of contract* lamentat mis-socjeta' attrici, jiccentra fuq is-sistema tal-IT. Lill-kumpaniji li taw il-*franchise*, is-socjeta' attrici kienet tibghat in-nies taghha fil-pajjiz biex jinstallaw is-sistema fil-*computer* tal-kumpanija, u jghallmu lill-haddiema kif joperaw is-sistema. Is-socjeta' konvenuta ma rieditx din, u minflok baghtet nies taghha Londra biex jitghallmu kif jinstallaw u juzaw is-sistema l-gdida, maghrufa bl-isem ta' *Ipex*; kien miftiehem li din is-sistema ma kellix tigi mbaghbsa minn ebda kumpanija ohra tal-*computers*.

Jidher li din is-sistema kellha *teething troubles* li gew solvuti minn Londra *tramite* l-*modem*, izda wara ftit kien qed jidher li s-sistema ma kienetx qed topera sew. Is-socjeta' attrici baghtet nies taghha hawn Malta biex jaraw x'kienet il-problema. Irrizulta li kien hemm problema ta'

*access* peress li, min installa s-sistema, kien nesa li jimputja r-*registration number* tal-licenzja ghall-uzu ta' dik is-sistema, izda l-akbar problema kienet dovuta ghall-fatt li s-socjeta' konvenuta ippruvat idahhal l-*accounting system* taghha fis-sistema l-gdida. Is-sistema *Ipex* ma kienetx, fi kliem l-ufficcjal tas-socjeta' attrici, *"disigned to do Wings accounts"*. Is-socjeta' konvenuta allegat li konsulent tad-ditta attrici, certu Ian Wear, kien qalha li ma kellux ikun hemm problemi biex fis-sistema *Ipex* tigi installata s-sistema tal-*accounts* tas-socjeta' konvenuta. Ghal darba ohra, *pero'*, is-socjeta' konvenuta naqset li ssostni din l-allegazzjoni. Min-naha l-ohra, is-socjeta' attrici stqarret li l-ufficcjali taghha, wara li skoprew x'kien gara, kienu indikaw lis-socjeta' konvenuta li dak li kienet ghamlet kien hazin ghax s-sistema ma kellhiex tigi mbaghbsa. Fuq kollox, il-ftehim bil-miktub li gie iffirmat bejn il-partijiet, jghid b'mod car li s-sistema ma kellhiex tigi minsusa, modifikata, jew mizjuda (*Schedule Eleven*), u kontra dan il-miktub, is-socjeta' konvenuta ma resqet ebda prova konvincenti.

Min-naha tas-sistema inifisha, jirrizulta li fil-bidu din kellha biss dak li jissejhu *"teething troubles"*, li wiehed ghandu jistenna f'kull sistema gdida, u li gew solvuti min-naha tas-socjeta' attrici. Kien hemm ukoll in-nuqqas tas-socjeta' attrici li tirregistra l-ghoti tas-sistema lill-kumpanija Maltija mal-proprjetarju tal-licenzja, *pero'*, dan l-izball gie ratifikat ftit wara. Fuq kollox, is-socjeta' konvenuta qatt ma qajmet il-*"problema"* tas-sistema tal-*computer* bhala raguni ghan-nuqqas ta' pagament ta' dak dovut lilha; kien biss wara li s-socjeta' konvenuta itterminat ir-relazzjoni li kellha mas-socjeta' attrici, u giet mitluba thallas ir-*Royalty Fees*, li oggezzjonat ghall-hlas fuq l-argument li s-sistema tal-*computer* ma kienetx qed tahdem sew. L-argument li s-sistema kienet, fiha infisha, hazina mehud mill-fatt li giet mibdula mis-socjeta' attrici, mhux argument li jreggi, peress li gie muri li meta giet installatat is-sistema *Ipex* dik kienet, ghal dak iz-zmien, sistema sofistikata u tajba hafna. Wara xi zmien, sar progress f'sistema ohra, u s-socjeta' attrici ghamlet *up-grade* ghas-sistema *Windows*, meta din zvillupat sistema maghrufa bhala *Windows NT,* li kienet ahjar minn dik maghrufa bl-isem ta' *Ipex.* Dan hu

normali fid-dinja tal-*computers*, u ma jirrizultax li s-socjeta' attrici forniet sistema difettuza jew sistema li ma kienetx l-ahjar *available* dak iz-zmien.

Fir-raba' lok, is-socjeta' attrici tqies ukoll li s-socjeta' konvenuta kienet tonqos meta ma kienetx tibghatilha l-*invoices* tas-*sales* li kienet taghmel, liema *invoices* kienu mehtiega biex is-socjeta' attrici tohrog ir-*Royalty Fee* dovuta ghal dak ix-xahar partikolari. Is-socjeta' konvenuta twahhal fis-sistema tal-*computer* ghal dan, *pero'*, tghid ukoll li ma baghatithomx peress li ma gietx mitluba ghalihom mis-socjeta' attrici. Hawn ukoll, il-Qorti tirrimarka li l-obbligazzjonijiet ghandhom jigu mwettqa skond it-termini tal-ftehim, u debitur m'ghandux jistenna li jigi mitlub jaghmel dan qabel ma jwettaq id-doveri tieghu. Skond il-ftehim, il-*monthly sales figures* kellhom jintbaghtu lis-socjeta' attrici, gheluq seba' t'jiem wara l-ahhar ta' kull xahar (klawsola 7.43.3), izda s-socjeta' konvenuta kienet tonqos b'mod regolari li twettaq dak l-obbligu.

*Nonostante* dan l-atteggjament, is-socjeta' attrici baqghet tircievi u twettaq l-ordnijiet li kienet tibghat is-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici kienet tinsisti mas-socjeta' konvenuta biex din tottempera ruhha mal-ftehim u anke biex tibghat ir-rapporti tal-bejgh u hlasijiet dovuti skond il-ftehim, izda ma rieditx taqta' r-relazzjoni li kellha maghha, peress li riedet li l-kumpanija konvenuta tirnexxi fin-negozju taghha (dan, ovvjament, ghax kien ikun ifisser aktar qliegh ghaliha), u ghax is-Sinjuri Zammit, f'isem is-socjeta' konvenuta, kienu perswazivi bl-iskuzi li kienu jgibu, u s-socjeta' attrici kienet dejjem tispera li s-sitwazzjoni tirranga ruha u tigi *in regola*.

Is-socjeta' konvenuta tilmenta wkoll li s-socjeta' attrici ma rieditx tohrogilha *"an open guarantee"* mal-ufficcjali tad-Dwana gewwa l-Inghilterra kif talbitha b'ittra ta' Jannar, 1998. Din il-garanzija intalbet mill-ufficcjali tad-Dwana inglizi biex f'kaz li jirrizultala li pakkett destinat ghall-Inghilterra jew ghall-pajjiz iehor tal-Unjoni Ewropea ikollu l-valur tieghu *under-declared*, jew kien jattira dazju akbar milli dak dikjarat, ikollhom garanzija tal-hlas biex l-oggett jintbaghat fid-destinazzjoni tieghu bla dewmien. Is-

socjeta' konvenuta riedet lis-socjeta' ingliza tforni din il-garanzija. Is-socjeta' attrici, *pero'*, ma wrietx ruhha disposta li tohrog tali garanzija. Hu osservat li skond il-ftehim ma kellhiex dak l-obbligu, u *inoltre*, la darba s-socjeta' konvenuta kienet waqghet lura fil-hlasijiet, u ma rieditx taghti garanzija li dawk il-hlasijiet isiru mill-aktar fis, ma dehrilhix li kellha tidhol f'aktar pizijiet finanzjarji. Fil-fatt, f'ittra minnhom, is-socjeta' attrici qalet lis-socjeta' konvenuta, li tkun disposta li tohrog il-garanzija mitluba, jekk is-socjeta' konvenuta thallas dak li hu dovut minnha. Il-Qorti taccetta dak li osservat is-socjeta' attrici. Il-hrug ta' din il-garanzija min-naha tas-socjeta' attrici ma kienx obbligu minnha assunt, u *kwindi* il-hrug taghha kien soggett ghall-ftehim gdid bejn l-istess partijiet. Bir-ragun, is-socjeta' attrici ma rieditx tidhol f'dan il-ftehim, li kien ifisser piz finanzjarju ulterjuri fuqha, qabel ma jkollha garanzija li l-flus dovuta lilha mis-socjeta' konvenuta kienu se jithallsu. *Kwindi,* kull ilment imressaq mis-socjeta' konvenuta fuq din il-materja, m'ghandha ebda bazi legali.

Is-socjeta' konvenuta taghmel referenza ghall-ittra miktuba fis-6 ta' Frar, 1998 min Desmond Lyons, f'isem is-socjeta' attrici, li fiha ammetta li kien hemm xi *"shortcomings" da parti* tas-socjeta' attrici fis-servizzi li tat lis-socjeta' konvenuta. Is-Sur Lyons spjega li l-ittra inkitbet wara li s-socjeta' konvenuta kienet waqfet tuza s-servizzi taghha. Fil-fatt, kien irrizultalu li ufficcjal gholi fil-kumpanija tieghu, certu Chris Black, kien qed jawwem klienti tas-socjeta' attrici biex jitilqugha u jahdmu mieghu; fil-fatt, qabel ma' s-socjeta' attrici irnexxielha twaqqfu permezz ta' inibizzjoni mahrug mill-*High Court* ta' Londra, kien lahaq dawwar ghal mieghu, ir-rappresentanti li s-socjeta' attrici kellha f'Malta, fl-Afrika t'Isfel u fil-Hong Kong. Din kienet, ovvjament, daqqa ta' harta kbira ghan-negozju tas-socjeta' attrici, u allura riedet taghmel dak li tista' biex idawwar il-hsieb ta' dawk ir-rappresentanti. B'din l-ittra, s-Sur Lyons ipprova isserrah mohh is-socjeta' konvenuta li jekk kien hemm problemi fil-passat, dan kollu issa gie irrangat u l-futur kien wiehed sabih ghaz-zewg kumpaniji.

Fil-fatt, minn din l-ittra jirrizulta li, tul iz-zmien li s-socjeta' konvenuta inqdiet bis-servizzi tas-socjeta' attrici, ma kienu tressqu ebda ilmenti lis-socjeta' attrici, u l-ilmenti saru biss meta s-socjeta' konvenuta telqet lis-socjeta' attrici ghas-Sur Chris Black. Minnha jidher ukoll li dwar is-sistema tal-*computer* jinghad biss li s-sistema kienet se tigi *upgraded* (minghajr ammissjoni li s-sistema precedenti kienet hazina), dwar il-*POD's* li s-socjeta' konvenuta kienet bidlet in-numru tal-*fax* taghha u ma nfurmatx lis-socjeta' attrici (ghalhekk, certa informazzjoni kienet qed tircieviha tard), li kienu se jippruvaw irahsu l-prezz tat-trasport, u li l-problema li kienet qed tigi indirizzata lejn il-*problem response team*, giet solvuta bil-bidla tan-nies li kienu responsabbli minn dik il-materja. Dik l-ittra ma hi xejn ammissjoni ta' nuqqasijiet *da parti* tas-socjeta' attrici, kif ippruvat tpengiha s-socjeta' konvenuta. Hija ittra rikonciljatorja u intiza biex ma tigix terminata r-relazzjoni bejn il-partijiet. Fi kliem s-Sur Lyons kienet ittra bi hsieb wiehed: *"Look, let's put the past behind us and re-establish a good working relationship and move on"*, u fid-dawl ta' dak li gara bejn is-socjeta' konvenuta u Chris Black, il-Qorti tifhem it-ton ta' din l-ittra.

Fuq kollox, kif inghad, is-socjeta' konvenuta baqghet titlob is-servizzi tas-socjeta' attrici, *nonostante* dawn l-ilmenti, u minghajr ma resqithom ghall-konsiderazzjoni tas-socjeta' attrici. Persuna li tkun qed tircievi servizz fuq bazi regolari, jekk is-servizz mhux *up to standard*, hu mistenni li tilmenta mil-ewwel, u mhux li tkompli taghmel uzu minn dawk is-servizzi, u tqajjem l-ilmenti biss meta tigi mitluba l-hlas ghas-servigi. Kif intqal mill-Qrati taghha fil-kuntest tal-kwalita' ta' oggett mibjugha, persuna ma tistax izomm l-oggett, u sahansitra taghmel uzu minnu, u meta tigi mitluba thallas il-prezz tal-oggett, tallega li l-oggett ma kienx tal-kwalita' miftiehma.: ara "Galea vs Galea", deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2003. Hu *del resto* principju komunement applikat fil-gurisprudenza li jekk bniedem ikun jaf bi stat ta' fatt li jintitolah jezercita dritt u jhalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt tieghu, allura t-titolari tad-dritt jista' jitqies, fic-cirkostanzi kongruwi, li jkun irrinunzja ghal prosegwiment ta' dak id-dritt. B'ezemplari tista' tigi iccitata d-decizjoni ta'

l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) per Imh. M. Caruana Curran tat-30 ta' Novembru, 1971 fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Calleja vs Carmelo Sciortino".

Fil-kuntest tas-somma reklamata mis-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta allegat li meta hi xtrat erba' *modems* minghand is-socjeta' attrici bil-prezz ta' Lstg215, kien sar ftehim li dawn jinxtraw lura mis-socjeta' attrici meta s-socjeta' konvenuta ma jkollhiex aktar bzonnhom. Dan il-ftehim, *pero'*, jippresumi li s-socjeta' attrici tkompli topera l-*franchise agreement in bona fede*, u tibqa' tezisti relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet. Dan l-arrangament ma jistax jigi invokat meta s-socjeta' konvenuta itterminat il-ftehim, bdiet negozju ma' ex-ufficcjal tal-kontroparti u kompliet tinegozja bi ksur tal-klawsola 15 (*Post Termination Provisions*) *a pregjudizzju* tas-socjeta' attrici. Fil-fatt, irrizulta li l-*poaching* u n-negozjati ma' Chris Black kienu bdew isiru ferm qabel ma' s-socjeta' konvenuta waqfet tuza s-servizzi tas-socjeta' attrici.

Ghar-rigward tal-ispejjez li intefqu mis-socjeta' konvenuta biex din tippromotja *Air Action* gewwa Malta, u li hi qed tirreklama lura, ghandu jinghad li s-socjeta' konvenuta kienet giet infurmata li l-promozzjoni tan-negozju gewwa Malta kien responsabilita' taghha, u, fil-fatt, dan ma kienx obbligu assunt mis-socjeta' attrici fil-*franchise agreement*. Peress li ma jirrizultax li kienet is-socjeta' attrici li tat lok ghat-terminazzjoni tal-kuntratt, ma tistax titqies responsabbli ghar-rifusjoni ta' dawn l-ispejjez.

Ghall-bqija t-talba ghall-hlas tal-ispejjez tat-trasport, *da parti* tas-socjeta' *Air Action Couriers Ltd,* u ghall-hlas tal-bilanc tal-*initial fee* u tar-*Royalty Fees*, *da parti* tas-socjeta' *Air Action Group Ltd*, giet ippruvata ghall-ammonti mitluba. Fil-kaz tar-*Royalty Fees*, dawn intalbu ghall-perjodu ta' hames snin, li kien il-perjodu kuntrattwali. Mhix skuza li s-servizz, fil-fatt, inghata ghall-perjodu ta' sena u ftit xhur, ghax la darba kien hemm rabta ghall-hames snin, f'kaz ta' ksur ta' dak il-ftehim, il-parti li tkun inadempjenti xorta wahda trid thallas il-kumpens dovut taht il-kuntratt. Skond il-kuntratt, dawn il-flus jithallsu bhala percentagg fuq il-*monthly sales*; f'kaz ta'

terminazzjoni tal-kuntratt, skond klawsola 14.2.1, ix-xhur mhux mahduma *"will be calculated and multiplied by the average of the four highest calendar monthly turnover figures for the business"*. Is-socjeta' attrici hadmet fuq il-*minimum sales*, u, fil-fatt, is-socjeta' konvenuta tqies li s-somma mitluba *"would have been due"* li kieku ma kienx hemm terminazzjoni tal-kuntratt (ara xhieda ta' Nicholas Zammit moghtija fl-udjenza tat-22 ta' Mejju, 2003). La darba it-terminazzjoni tal-kuntratt hu imputabbli lis-socjeta' konvenuta, din trid thallas dak li hu dovut.

Dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata, il-Qorti tqies din mhux valida, peress li mill-assjeni tal-kawza kien jidher car l-perjodu involut, u f'kull kaz, in-nuqqas ta' dettal ma ippregjudikax id-dritt tas-socjeta' konvenuta li tiddefendi l-interessi taghha, kif fil-fatt, ghamlet.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u wara li tilqa' t-talbiet attrici, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ekwivalenti fi flus Maltin skond ir-rata ta' kambju ta' illum tas-somma ta' Lstg8500 (tmint elef liri Sterlini), rapprezentanti *franchise* u *royalty fees*, bl-imghax legali mit-12 ta' Marzu, 2001, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------